# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 12 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 536/97**

**Numru 23**

**Richard A. Micallef bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Micallef Insurance Agency Ltd, u dina bhala agenti tas-socjeta assiguratrici estera Independent Insurance Company Ltd. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Raymond Galea, u l-istess Raymond Galea.**

**vs**

**Raymond Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur nomine et is-somma ta' mitejn tnejn u hamsin lira maltija u hamsin centezmu (Lm252.50,0) jew kull somma ohra verjuri, in kwantu ghal

mitejn u tnax-il lira maltija u hamsin centezmu (Lm252.50c0) bhala hsara fil-vettura numru O-9318 tal-attur Raymond Galea li ghalihom kellha taghmel fronti is-socjeta' attrici in forza ta' polza ta' assigurazzjoni "comprehensive" u ghall-liema tinsab surrogata fid-drittijiet tieghu sia bil-polza u sia bil-ligi, u erbghin lira maltija (Lm40) lill-attur Raymond Galea in kwantu ghal hamsa u ghoxirn lira maltija (Lm25) bhala "excess" u hmistax-il lira maltija (Lm15) bhala kiri ta' vettura mill-konvenut ikkagunati meta kien qed isuq vettura J-2819 nhar l-20 ta' Ottubru, 1993 f'Haz Zabbar u habat mal-vettura O-9318 proprjeta' tal-attur, stante imperizja, negligenza traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabblita' unika tal-konvenut ghall-istess kollizzjoni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-konsulti (Lm10), tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar, 1994 u tat-23 ta' Frar, 1996, u tal-14 ta' Marzu 1997, u bl-interessi mid-data tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut mid-data tal-avviz ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 7 tal-atti):.

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi stante illi ghall-incident in kwistjoni kien responsabbli l-istess attur Raymond Galea.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi PS 132 Joseph Camilleri (fol 55 et seq ibid) esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz relattiv ghal dan l-incident (fol 67 u fol 69 rispettivament tal-atti). Fl-istess rapport, hemm imnizzel li Doris Galea, mart l-attur Raymond Galea kienet qed issuq fid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn. Peress li kellha ddur lejn il-lemin, hi xeghlet l-"indicator" u kif kienet qed iddur lejn il-lemin karozza ohra, misjuqa mill-konvenut u gejja minn warajha, habtet mal-karozza misjuqa minnha ("…. ftit fil-bieba tal-karozza taghha"). Daparti tal-konvenut, dan kien stqarr li ma kienx ra indicator jixghel u "hekk kif kien ser jaqla O-9318 (din) bdiet iddur ghal go Triq il-Gharix". Minhabba hekk hu gibed lejn l-istess Triq bhala manuvra evasiva.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmija Doris Galea (meta xehdet quddiem din il-Qorti, specifikat li hi kienet xeghlet l-"indicator" sabiex tikser lejn il-lemin, ghall-iskop specifikat fl-istess xhieda. Kif daret, giet il-karozza tal-konvenut minn warajha u saret il-habta. Hi ssottolineat li, fuq in-naha tat-triq fejn kienet hi, hemm "lane wahda biss", fatt evidenzjat mill-istess skizz imsemmi u ghalhekk sabiex il-vettura misjuqa mill-konvenut setghet tissorpassaha, "kellha bil-fors tmur fuq in-naha l-ohra tat-triq". In kontro esami hi cahdet li, qabel ma daret lejn il-lemin, hi marret lejn ix-xellug taghha fid-direzzjoni tal-bankina. Difatti, hi sostniet li meta gara l-incident in esami, "jien kont lejn in-nofs tat-triq "fejn hemm "continous white line" imbaghad "dotted white line".

Filwaqt li qalet li karozza ohra setghet facilment tghaddi fuq ix-xellug taghha stante li ma kienx hemm karozzi parkeggati, hi sostniet ulterjorment li "Jien di gja (kont) qed indur u kont fuq in-naha l-ohra tat-triq meta gara l-incident (ara ukoll ix-xhieda tal-attur Raymond Galea a fol 38, 39 u 40 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 61 et seq ibid) xehed li, quddiemu, kien ra l-vettura misjuqa mill-istess Doris Galea, u tinsaq fl-istess direzzjoni

tieghu. Hu sostna li “Din dahlet mal-bankina u kif wasalt maghha sibt li kienet regghet gejja fuqi” sabiex tmur ghan-naha l-ohra tat-triq (“.... harget lejn il-lemin ghad-dritt”). Ghalhekk hu ipprova jevita il-habta billi “gbidt lejn il-lemin” u “Filfatt missejna lil xulxin meta konna f’nofs it-triq tan-naha l-ohra”. In rigward indicator, hu issottolinea “Jiena rajt l-”indicator” mixghul meta kienet ser tipparkja fuq ix-xellug. Biex tmur ghall-lemin ma kien hemm l-ebda indicator mixghul ....” u “Jiena zgur li ma ghamlitx “indicator” sabiex tindika li ser iddur lejn il-lemin”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk jidher li din il-Qorti hi rinfaccata b’zewg versjonijiet konfliggenti tal-fatti in esami, fejn kull parti involuta qed tipprova tiskaguna lillha nnifisha u tipprova titfa l-htija u t-tort ta’ dan l-incident fuq il-parti l-ohra.

Illi jinghad ukoll li kien jinkombi fuq is-socjeta attrici nomine et sabiex tipprova li, fuq bazi ta’ probabilta’, l-konvenut kien negligenti fis-sewqan tieghu u kkaguna dan l-incident minhabba tali negligenza. F’dan il-kaz, il-Qorti tara li ma hemm ebda prova oggettiva indipendenti mill-partijiet sabiex tista’ tikkonkludi li l-

verzjoni maghtija minn Doris Galea tirrifletti dak li verament gara f'dan il-kaz.

Illi, minhabba in-nuqqas ta' tali prova, l-Qorti ma hiex konvinta, moralment u legalment, li l-fatti probabilment graw skond kif xehdet Doris Galea. Ta minn jinnota li l-konvenut xehed (Fol 62 ibid) li Raymond Galea kien qal lill-martu "ma ghedlekx biex ma taqsamx hekk ghan-naha l-ohra tat-triq". In rigward dan l-istess Raymond Galea xehed "Jista' jkun u ma nichadx li ghedt lill-mara anke wara li gara l-incident in esami, sabiex ma taqsamx kif ghamlet"

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Alan Calleja
Deputat Registratur.